MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 35/K6/2011 |
| Data: | L-Erbgħa, 21 ta' Diċembru 2011 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Viċi Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Abela |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie publikat nhar il-Gimgħa 16 ta' Diċembru 2011. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 34/K6/2011.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar.
5. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
7. Affarijiet oħra jekk urġenti.
8. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 35/K6/2011

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 34/K6/2011

1336. Dwar minuta 1327, Dott. Grima qal li l-minuta għanda tiġi taqra:

*Dwar it-tender tal-knis, is-Sindku qal li bil-prezzijiet mraħsa, l-offerti issa huma kollha taħt €50,000.*

*Il-Kumitat innota illi l-kuntrattur SRF Clearing Services għandu esperjenza kbira f'dan is-settur, hekk kif ukoll, esperjenza pożitiva ħafna, **inkluż f'każi ta' emerġenza,** mal-Kunsill Lokali Msida għal snin twal f'dan l-istess servizz, **fejn qatt ma ingħata Default Notice fil-konfront tiegħu.***

*Is-Sindku qal li l-prezz kif kien sottomess huwa kważi l-istess ta' sitt snin ilu, u li saħansitra, bir-roħs offrut, il-prezz issa ġie aktar vantaġġjuż u aktar affordable **mill-kuntratt attwali,** Il-Kumitat għaldaqstant qed jirrakomanda l-offerta tal-kumpanija SRF Cleaning Services Ltd. għal dan is-servizz.*

*Il-Kunsill qabel.*

1337. Dwar minuta 1300, Dptt. Grima qal li l-kelma 'Jun' għanda tiġi 'Ikun'.

1338. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. C Selvaggi issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

1339. Dwar minuta 1306, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li sar eżerċizzju tekniku flimkien mal-Perit u s-Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv Swatar, fejn fi qbil mal-Kumitat u l-perit ġie mneħħi ċertu xogħol mit-tender li kien bla bżonn, u minfloku ser isiru lasti tal-futbol ġodda u l-ħitan ser jinksew bil-*graffiato*. B'hekk il-proġett ser jibqa *on budget*.

1440. Dwar minuta 1307, is-Sindku qal li ntbgħatu Pulizija pajzana f'diversi partijiet tal-lokal f'jiem differenti u huwa infurmat li diġa tħarrku ammont ta' persuni skond il-*Litter Act*.

1441. M Baldacchino saqsiet kienx hemm progress dwar minuta 1308 li tirrigwardja is-sejħa għal studju dwar *residents parking scheme*. Is-Segretarju qal li ser joħroġ is-sejħa la darba tidħol l-allokazzjoni finanzjarja li jmiss, voldieri f'Jannar 2012.

1442. Dwar minuta 1310, E Brincat qal li x-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Punent ser jibdew f'Jannar 2012.

1443. Dott. Grima saqsa saritx il-laqgħa mal-Perit msemmija f'minuta 1315. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal li tista ssir fl-24 jew 25 ta' Jannar 2012.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1444. Dwar minuta 1322, il-Kunsill qabel li naraw fejn hu dan l-uffiċju u filkaż issir bollard quddiem dan l-uffiċju biss.

E Brincat ressaq il-proposta biex il-Kunsill jissuġerixxi lil Transport Malta biex il-parti t'isfel ta' Triq il-Wied tgħola sabiex b'hekk ma tgħeriqx bl-ilma tal-wied.

1445. Dwar minuta 1328, is-Sindku qal li ltaqa l-Kumitat ghall-Għażla ta' Skrivan/a. Is-Sindku qal li mis-CV's deher li ma kien hemm ħadd bl-esperjenza meħtieġa f'xogħol ta' Kunsill. Il-Kunsill qabel fuq il-proposta tal-Kumitat illi tinħareġ sejħa fil-publiku għal skrivan/a fuq skala 15.

1446. Dwar minuta 1329, is-Sindku qal illi l-finanzi tal-Kunsill din is-sena ma ippermettewx li jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill fix-xahar ta' Diċembru.

1447. Dwar minuta 1334, C Selvaggi qal illi l-materja ta' Vivian Commercials ġiet diskussa mal-Ispettur tal-Ghassa.

Punt 3 Korrispondenza

1448. 1613 – Is-Sindku qara il-korrispondenza mill-Perit tal-Kunsill dwar il-Bust ta' Dott. Naudi. Il-Kunsill qabel li jekk ma jinħariġx il-permess quddiem il-Knisja, l-Bust jitqiegħed fil-ġnien tal-Bandli.

1449. 1630 – Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill ma qabilx mat-tweġiba mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq u qabel li tinbgħat ittra fejn jiġi spjegat illi Dott. Naudi kien jgħix f'dik it-triq.

1450. 1646 – Is-Sindku qara' l-ittra fejn il-Kunsill Lokali Msida ingħata €1900 sabiex iwettaq il-proġett dwar aċċessibilta aħjar fil-lokal, li kien issottometta għall-approvazjoni tad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

1451. 1648 – Il-Kunsill qabel illi jara din il-proposta fuq il-post u filkaż jirrakomanda lill-Transport Malta.

1452. 1612 – Is-Sindku qara l-ittra mill-kumpanija Petrolea. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment u sabiex ix-xogħlijiet meħtiega isiru mill-Kunsill.

1453. E Brincat ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 18.32

1454. 1596 u 1593 – Is-Sindku spjega li dawn huma ittri ta' oġġezjoni min kuntratturi li kienu issottomew offerta għas-servizz ta' knis. Is-Sindku qal illi dawn l-ittri, flimkien mat-tenders tal-offerti ġew mibgħuta lid-Dipartiment tal-Kuntratti għal verifika tagħhom.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1455. 1667 – Is-Sindku qal illi din l-korrispondenza mill-Perit hija dwar ix-xogħol ta' tarmac fi Triq Victor Denaro. Il-Perit qal illi mhux ser jiċċertifika dan ix-xogħol peress li ma sarx tajjeb. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur ma jitħallas xejn tax-xogħol ta' tarmac u jiġi ordnat biex jgħamel ix-xogħol kollhu mill-ġdid.

1456. 1674 – Is-Sindku preżenta petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Kuncizzjoni sabiex il-parti pavimentata issir żona pedonali. Il-Kunsill ma qabilx.

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

1457. Ic-Chairperson qalet illi wara li ntalab permess mill-Kumitat biex terġa teħel is-*sleeping police* fi Triq Indri Grima, l-Kunsill għandu jitlob il-parir tal-perit fejn din għanda teħel skond *standards* ta' Transport Malta.

1458. E Brincat daħal fil-laqgħa. Ħin: 18.55

Punt 5 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

1459. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazjoni. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, C Selvaggi u E Brincat.

Punt 6 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

1460. Kumitat Għażla għal Skrivan/a – Is-Sindku qal li kif diġa mitkellem fit-tieni punt tal-aġenda, l-Kumitat ma għażel lill-ebda applikant mill-listi tal-ETC u l-Kunsill diġa qabel illi joħroġ sejħa fil-publiku għal skrivan/a fuq skala 15.

1461. M Agius daħal fil-laqgħa. Ħin: 19.15

1462. M Agius skuża lilu nnifsu talli wasal tard, u dan minħabba impenji fuq ix-xogħol.

Punt 7 Materji oħra jekk urġenti

1463. Is-Sindku qal illi bl-għeluq tal-fergħa tal-bank HSBC fl-Imsida, l-aspett soċjali tas-servizz bankarju ta' dan il-bank ġie traskurat. Is-Sindku propona li għaldaqstant il-Kunsill joħroġ stqarrija għal mezzi tax-xandir f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku propona ukoll illi bħala kumpens, il-bank jiġi mitlub jgħin fil-finanzjament għall-espansjoni tal-librerija publika. Il-Kunsill qabel.

1464. M Baldacchino qalet illi bħal kull sena il-Kunsill dan iż-żmien jorganizza attivita sabiex jiltaqa mal-grupp persuni b'dizabilta.

1465. M Baldacchino fakkret lill-Kunsilliera illi nhar is-6 ta' Jannar 2012, il-Kappillan il-ġdid jieħu l-pussess tal-Parroċċa. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jgħati rikonoxximent zgħir lill-Kappillan, liema valur ma jaqbiżx €100.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1466. E Abela qal illi reġa tkellem ma sid in-negozju *Bathline B* ta' Rue D'Argens fejn dan offrielu illi jekk il-Kunsill irid, huwa lest li joffri b'xejn il-madum għat-tieni sular taċ-Centru Civiku.

1467. E Abela qal ukoll illi għanda tinżebaħ 'SLOW' fi Triq J Catania ma' Triq il-Gdida u fejn il-gabbana ta' fejn l-HSBC. Huwa qal ukoll li ser ikun qed jiġbor kwotazjonijiet għas-servizz ta' trasport għall-anzjani li jattendu iċ-ċentru tal-anzjani għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

1468. Dott. Grima qal illi *in vista* u non-adempienza tal-kuntrattur għal ordnijiet li ġew mghotija mill-Kunsill Lokali Msida, u cioe illi, l-bankina ta' Triq it-Torri, faċċata ta' Vivien Commercials, tidjieq, liema nkarigu ngħata biex issir nhar it-12 ta' Diċembru 2011, qiegħed preżentament jiproponi li jinħareg *default notice*. Il-Kunsill qabel.

1469. E Brincat qal illi hemm sinjali tat-traffiku illegali fi Triq il-Wied kantuniera ma Triq Garcin, u li għandhom jitneħħew. Il-Kunsill qabel.

1470. E Brincat saqsa ukoll meta ser issir l-ikla bejn il-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din issir nhar il-21 ta' Jannar 2012.

1471. Dott. Grima propona illi biex tiżdied l-attendenza tal-anzjani fiċ-centru tal-anzjani, għandhom isiru riklami fil-gazzetti ta' kuljum.

Punt 8 Aggornament

1472. Il-Kunsill qabel illi jaġġorna għal nhar l-24 ta' Jannar 2012 fis-19.30.

Approvati llum ______________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com